**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit**

Il-Pulizija
(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)

Vs

Kristina Xuereb

Illum 25 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti :-

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Kristina Xuereb, imwielda fl-14 ta' Jannar, 1994 gewwa l-Pieta' u residenti 49, Triq il-Mosta, Naxxar u detentrici ta' Karta ta' l-Identita numru 55394 M.

L-imputata giet akkuzata talli fl-24 ta' Lulju, 2017, għal ħabta ta' 19.45 hrs fit-Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan waqt li kienet qed issuq il-vettura numru LCW 472;

1. U meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ta' t-traffiku, involontarjament ikkagunat hruq jew għamlet xi ħsara jew ħassret jew għarqet xi ħaga, ikkagunat ħsara fuq ħajt għad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew Libyan Vocational School u/jew entitajiet oħra;
2. Kif ukoll b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħha, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, kkagunat ħruq jew għamlet xi ħsara jew għarqet xi ħaga, ikkagunat ħsara fuq bankina għad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew entitajiet oħra;
3. U aktar talli waqt li kienet qed issuq l-imsemmija

vettura, eccediet il-limitu ta’ velocita’;

4. U kif ukoll talli wara li kienet involuta f’incident li fih ikkawzat ħsara fuq proprjeta’ naqset milli tavza minnufih lil Pulizija u tagħtihom dik l-informazzjoni li tista’ tkun meħtiega;

U akkuzata ukoll talli fl-istess data u bl-istess vettura, bejn 19.45 hrs u 20.30 hrs gewwa Triq San Albert, Gzira:-

5. Talli ħalliet l-imsemmija vettura f’xi triq kontra xi regolament dwar ipparkjar jew f’dik il-qagħda jew f’dik ic-cirkostanza b’mod li aktarx setgħu kienu ta’ periklu jew ta’ xkiel lil nies oħra li juzaw it-triq;
6. Kif ukoll saqet vettura bil-mutur jew vettura oħra b’nuqqas ta’ kont;
7. U aktar saqet vettura bil-mutur jew vettura oħra b’mod perikoluz;
8. U kif ukoll saqet vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuragni;
9. U aktar talli naqset milli ggib dak it-tagħrif jew dokument rilevanti għal xi investigazzjoni, meta hekk kellha l-obbligu legali li timxi mat-talba li saritilha mill-Pulizija sabiex tattendi sabiex tagħti kif meħtieg dak it-tagħrif jew dokument.

Il-Qorti:

Rat id-dokumenti ezebiti fosthom id-dikjarazzjoni ta’ r-rifjut ta’ l-parir legali, affidavit ta’ PS 780 I. Camilleri, affidavit ta’ PC 824 Cleaven Grima, full road traffic accident report.

Semghet ix-xhieda ta’ Galal Belaama.

Id-difiza iddikjarat li ma għandhiex provi x’tipproduci.

Stante nuqqas ta’ provi, l-imputata giet illiberata minn kull akkuza.

DR. YANA MICALLEF STAFRACE
MAGISTRAT